MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 27/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Magri)**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Pierre Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1. fl-ewwel ta' Novembru 2004 mill-hanut bl-isem 'Billy's Bar & Restaurant', sitwat fi Triq l-Gholjiet, Mellieha, ikkommetta serq ta' flus kontanti, Humas – 5400 satellite decoder w oggetti ohra ghad-dannu ta' David Bonanno mill-Mellieha, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' David

Bonanno, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda ma tiskorrix l-hames mitt lira Maltin;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom:
4. sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Jannar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 278(2), 325(b) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta’ serq aggravat bil-mezz u bil-valur, talli kkaguna hsara volontarja w talli huwa recidiv w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn (2) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza ta’ ricetazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta’ Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza, w cioe’ dik ta’ ricettazzjoni w thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel akkuza, w cioe dik ta’ serq aggravat bil-mezz u bil-valur, tat-tieni akkuza, w cioe’ dik tal-hsara volontarja, w tar-raba’ akkuza, ossia l-addebitu tar-recidiva, w kwindi tiddikjarah mhux hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u tilliberah minnhom skond il-ligi. B’dan illi subordinatament, f’kaz illi din il-Qorti joghgobha tikkomferma s-sentenza appellata, tirriformaha fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar gusta ghac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :- Li l-appellant instab hati manifestament hazin fuq il-fatti tal-kaz stante li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet

legittimament u ragjonevolment sabet htija fl-appellant. Dan il-kaz gie deciz ghab-bazi ta’ prova cirkostanzjali wahda tal-impronta digitali w ma tressqet ebda prova ohra li tista’ torbot lill-appellant mar-reati li gie akkuzat bihom. Prova cirkostanzjali wahda mhix bizzejjed biex tinstab htija w provi indizjarji jridu jkunu univoci w konkordanti. Ghalhekk id-decizjoni appellata hija *unsafe and unsatisfactory.* F’ dan il-kaz il-*finger print* tal-appellant instabet f’ post miftuh ghall-pubbliku. Tenut kont li l-appellant kien jiffrekwenta dan il-post u li din l-impronta nstabet fuq *side door* ta’ barra li qieghed ezattament mat-triq u li n-naha ta’ barra tieghu hi accessibbli ghall-kullhadd, din l-impronta bl-ebda mod ma tallaccjah mas-serqa; almenu mhux sal-grad rikjest mil-ligi. F’ dan il-kaz inghatat spjegazzjoni plawsibbli ghall-prezenza tal-impronta tal-appellant fuq il-post tar-reat. Dan gie injorat ghal kollox mill-Ewwel Qorti. Veru li l-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti imma fl-istqarrija tieghu l-appellant jispjega li kien imur f’ dak l-istabiliment b’ mod regolari.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex l-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw principalment l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Illi trattandosi ta’ apprezzament tal-fatti, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li

kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legittimament u ragjonevoment issib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet ta' serq aggravat u danni volontarji w tal-addebitu tar-recidiva.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jidher assodat li bejn il-31 t' Ottubru w l-1 t' Novembru 2004 fis-7.30 am., kienet sehhet serqa mill-Billy's Bar and Restaurant li jinsab fi Triq in-Nahal kantuniera ma Triq l-Gholijiet, Mellieha. Kien instab li s-"*side door"* li jaghti fuq Triq l-Gholjiet kien gie sgassat u proprju fuq in-naha ta' barra ta' dan il-bieb sgassat instabet marka (lifter Dok. 04 CWN 302) li giet komparata w identifikata konkluzivament mal-marka tal-pala ta' l-id ix-xellugija tal-appellant (Dok. PB 2). Gol-istabiliment kien hemm diversi bibien ohra interni sgassati w rrizulta li min hemm gew insterqu kemm flus kontanti kif ukoll oggetti ohra. Gew ukoll kagjonati danni fuq id-diversi bibien sgassati kemm interni kif ukoll dak li fuqu nstabet il-marka tal-pala tal-id tal-appellant.

Illi l-appellant mhux qed jikkontesta li dik il-marka fil-fatt tappartjeni ghall-id xellugija tieghu izda qed jghid li b' daqshekk dik il-marka ma tipprovax li hu kellu x' jaqsam mas-serqa ghaliex hemm spjegazzjoni jew spjegazzjonijiet ohra ghala dik il-marka nstabet hemm.

Irrizulta wkoll li hut l-appellant Noel u Christian Butigieg kienu jahdmu fl-istess stabbliment, wiehed imexxi r-restaurant u l-iehor imexxi n-*night club* u li l-appellant gieli kien imur hemm daqqa biex jghinhom u daqqa biex jiehu xi *"drink".*

Mill-banda l-ohra jirrizulta mix-xiehda ta' David Bonanno, sid l-istabbiliment, li l-bieb sgassat ma jintuzax mill-klienti w jintuza mil-istaff biss. Il-pubbliku m'ghandux access ghalih u rari jintuza mill-haddiemna tieghu ghax regolarment ikun imsakkar. Hemm bejn wiehed u iehor sittin pied bejn dan il-bieb u l-bieb principali li jigi fi Triq in-Nahal. L-impjegati m' ghandhomx access ghal dan il-bieb w c-cwievet jinsabu f' idejn dan ix-xhud u f' idejn hutu. Biex jimfetah dan il-bieb hemm bzonn tal-permess tas-sidien. (fol. 172)

Meta gie interrogat mill-Ispettur Joseph Mercieca, l-appellant fl-istqarrija tieghu (Dok. CM4 a fol. 46 u 46 tergo) cahad li kien fil-post fil-31 t' Ottubru, 2004 ghall-habta tas-7 pm., imma, jekk mar, dak in-nhar kien filghodu, jum il-Hadd. Il-Gimgha kien mar ikellem lil huh Noel minnhabba xi CD's. Ma jiftakarx jekk marx is-Sibt jew il-Hadd filghodu biex ikellem lil huh, pero' il-Hadd filghaxija ma kienx qed johrog. Hu gieli ghin lil hutu w nizzel xi kaxxi w jirrangalhom xi haga 'l hawn u 'l hinn, pero' qatt ma ghamilha ta' *barman*. Gieli wkoll irrangalu xi *wires* fis-sistema tas-satellita. Gieli kien imur hemm kulljum pero' dak l-ahhar zmien ftit kien qed jitla'. Ghad-domanda kienx hu li seraq il-flus u d-*decoder,* irrisponda li hu m' kellux bzonn il-flus ta' Bonanno li lanqas lil huh ma kien ihallas.

Ikkonsidrat;

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Anthony Abela”** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova w legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta’ din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero’ kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f’ postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc., li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f’ xi dar ta’ residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

*"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."*

**BLACKSTONES** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-
"Properly presented *fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,* in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."

Illi l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading , Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-
"A person may be identified by fingerprints alone" : **R. v Castleton** , 3 Cr. App. R 74 CCA".

L-istess gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **"Il-Pulizija vs. Emanuel Camilleri"** [30.06.1998] li :-
*"hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza."*

Ikkonsidrat;

Illi kif jissottometti l-appellant ma hemm ebda prova ohra kontra l-appellant hlief Il-marka tal-pala tal-id fuq il-bieb ta' barra tal-gemb sgassat. L-Ewwel Qorti irriteniet li din ghaliha kienet prova sufficjenti li torbtu mar-reat ta' serq bi sgass u danni volontarji fil-fond, ghax qalet li l-appellant ma tax spjegazzjoni ghas-sejbien ta' din il-marka tal-pala t' idu fuq il-bieb.

Bir-rispett ghall-Ewwel Qorti, l-appellant bhal kull akkuzat iehor, mhu obbligat li jispjega xejn u hija dejjem il-prosekuzzjoni, salv fil-kazijiet limitati fejn il-ligi tinverti l-oneru tal-prova, li trid tipprova l-kaz taghha minghajr

dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk f' din l-enuncjazzjoni ta' dritt l-Ewwel Qorti ma kienetx preciza.

Mill-banda l-ohra lanqas hu korrett l-appellant meta jghid fir-rikors tal-appell li : *"Fi kliem semplici irid ikun hemm aktar minn prova cirkostanzjali wahda."* Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija.

Ikkonsidrat;

Fil-kaz in ezami l-Ewwel Qorti, konsapevoli mill-fatt li dan il-bieb laterali ma kienx jintuza mill-klienti w li biex jintuza mill-istaff kienet trid tingieb ic-cavetta minnghand xi wiehed mis-sidien, hasset li l-impronta tal-pala tal-id tal-appellant proprju fuq dan il-bieb li gie sgassat biex saret is-serqa, kienet prova determinanti w univoka bizzejjed biex torbot lill-appellant mas-serqa bi sgass li saret.

Fil-process kriminali fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b' xi prova li taghmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x' aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f' dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagjonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjoinijiet jilhqu l-grad tal-probabbli.

Il-grad tal-possibbli la hu utili ghall-prosekuzzjoni w lanqas ghad-difiza.

Ghalhekk ghalkemm l-akkuzat appellant ma kien obbligat li jipprova xejn u fil-fatt - kif kellu dritt - ma xehedx biex jispjega kif il-pala ta' idejh proprju halliet l-impronta taghha fuq il-bieb ta' barra laterali li gie sgassat, mill-banda l-ohra ma ressaq ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite s-sottomissjonijiet tad-difensuri tieghu biex tikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-probabbli li dik il-marka saret minnu innocentement fuq bieb li ma kellux jintuza minnu. Fil-kors normali tal-hajja n-nies ma joqghodux icappsu idejhom ma

bibien tan-nies, specjalment bibien li ma jintuzawx. Anki jekk l-appellant kien jiffrekwenta ta' spiss l-istabbiliment in kwistjoni, hu suppost li kien jidhol fih mill-bieb principali li addirittura kien jinstab wara l-kantuniera fi triq ohra, Ghalhekk ma kien ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marka tal-pala ta' idu kellha tinstab fuq il-bieb inkwistjoni.

F' dan is-sens l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tiddeciedi li l-marka tal-pala ta' id l-appellant fuq il-bieb sgassat kienet prova li torbtu mas-serqa ghax anki jekk stess kien imur f' dak l-istabbiliment, qatt ma suppost kellu kuntatt ma dak il-bieb partikolari w ma kienx lanqas probabbli li hu jhalli l-marka tieghu proprju fuq dak il-bieb innocentement jew b' kumbinazzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-apprezzament tal-provi li sar mil-Ewwel Qorti dwar il-htija tal-appellant tal-ewwel w it-tieni imputazzjoni w tal-addebitu tar-recidiva.

Konsegwentement l-aggravju tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tat-talba biex din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li l-Qorti tal-Appell tvarja l-piena sakemm din tkun entro l-parametri legali w ma tkunx manifestament esagerata. Certament f' dan il-kaz il-piena hija entro l-parametri legali w kienet pjuttost wahda miti konsidrata r-recidivita' w l-fedina penali tal-appellant li minnha jirrizulta li hu addirittura gja gie sentenzjat ghall-piena ta' prigunereija tlitt darbiet apparti sentenza ohra ta' prigunerija sospiza w liberazzjonijiet kondizzjonali.

Pero' din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ma jidhirx li ttiehed rigward tal-fatt li r-reat taht it-tieni imputazzjoni, cioe' dak ta' danni volontarji kagjonati mil-isgassi esterni w interni li saru, kienu servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat. Di fatti ma saret ebda referenza ghall-artikolu 17 (h) u ghalhekk din il-Qorti tifhem li fis-sentenza appellata nghatat piena

kumulattiva w komplessiva ghaz-zewg reati f' daqqa. Invece, l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Krminali jiddisponi li meta zewg reati jew izjed iservu bhal mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.

Ghalhekk minnhabba dan in-nuqqas jidher li hemm lok ghal certu temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lll-appellant hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recidiva kif ukoll fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni ta' ricettazzjoni, stante li din kienet imputazzjoni alternattiva ghal dik ta' serq kwalifikat; u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal sentejn prigunerija w minflok, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 u bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni ta' serq kwalifikat ghall-fini tal-piena, tikkundannah ghal sena w disgha xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------